# Il-knisja ta' San Ġwann Battista fir-raħal tal-Għargħur

*Kitba ta' Mario Fenech*

Fil-limiti tal-parroċċa ta' San Bartilmew tal-Għargħur hemm numru ta' kappelli żgħar iddedikati lill-Madonna u qaddisin oħrajn. Fost dawn il-kappelli hemm dik li tinsab biswit iċ-ċimiterju tar-raħal li hija ddedikata lil San Ġwann l-Għammiedi.

F'dan l-istess post fejn illum hemm din il-knisja, kien hemm oħra qabel li kienet ġiet mibnija fis-sena 1223. Damet wieqfa għal żmien twil, iżda mbagħad ġralha bħalma kien jiġrilhom ħafna knejjes oħra, ġiet traskurata u spiċċat fix-xejn.

Damet biex tinbena mill-ġdid sa żmien meta minn Malta kienu telqu l-Għarab. Jingħad li wħud minn dawk li kienu qajmu l-irvell kontra r-Re Ferdinandu f'Celano kienu ġew eżiljati lejn Malta u dawn marru jabitaw fir-raħal tal-Għargħur.

Hemmhekk iddeċidew li jibnu knisja u meta tlestiet iddedikawha lil San Ġwann Battista. Dan jista jkun għal fatt li f'Malta kien hawn l-Ordni ta-Kavallieri ta' San Ġwann u għalhekk kien ġie deċiż li l-knisja tiġi ddedikata lil qaddis patrun tal-ordni. Biswit il-knisja ġie mibni wkoll ċimiterju li fih kienu ġew midfuna dawk li kienu mietu bil-pesta tas-sena 1592 u tas-sena 1676.

Il-knisja ġiet armata b'diversi opri sbieħ u għal żmien twil kienet tintuża u tinżamm fi stat tajjeb. Kien hemm żmien ukoll meta din il-knisja serviet bħala l-parroċċa tar-raħal sakemm ġiet mibnija dik li hija ddedikata lil San Bartilmew. Jidher li din il-knisja ta' San Ġwann kienet aktar addattata biex isservi bħala parroċċa peress li l-knisja l-oħra li hemm ftit biss bogħod minnha, li hi ddedikata lil San Nikol hiza iżgħar minnha u ma kellhiex ċimiterju biswitha.

Damet tintuża mhux ħażin iżda mbagħad għamlet żmien twil mitluqa tant li kienet ġiet ipprofonata mill-Isqof Balaguer fis-sena 1659

Is-saqaf tal-knisja huwa tond jistireħ fuq l-arkati. Għandha l-prospettiva tal-altar imnaqqxa fil-ġebla fuq stil barokk bil-kwadru titulari li juri l-Magħmudija tal-Mulej minn San Ġwann Battista fix-xmara Ġordan. Hija ħasra li ma nafux min pinġa dan il-kwadru għaliex huwa xogħol ta' livell artistiku tajjeb ħafna.

Il-faċċata tal-knisja għandha l-bieb ewlieni tagħha b'żewġ pilastri mal-ġnub jerfgħu fonti spazju żgħir b'tiequ fuqu. Fil-parti ta' fuq insibu kampnar żgħir finnofs b'qanpiena fih.



Matul dawn l-aħħar snin, fil-knisja qiegħed isir xogħol ta' restawr u qegħda tinżamm b'mod tajjeb ħafna. Din hi ġawhra oħra sabiħa f'dik li hija storja tal-arkitettura fil-gżejjer Maltin, iddedikata lil San Ġwann l-Għammiedi.